MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Numru. 524/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur  Antonello Grech)**

**vs  -**

**Alexander Scicluna bin Anthony u Jane nee' Debono, imwieled fid-29 ta' Lulju 1966 u residenti 59, Triq San Gorg, Victoria, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita` numru 350566(M)**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat **ALEXANDER SCICLUNA**, bin Anthony u Jane nee' Debono, imwieled fid-29 ta' Lulju 1966 u residenti 59, Triq San Gorg, V      ictoria u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 350566(M) gie mressaq

quddiemha u akkuzat talli nhar it-tnax (12) ta’ Ottubru 2003 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta’ fil-ghodu (1.45am) bhala l-persuna illi f’ismu ghandu licenzja biex izomm il-hanut ‘Café Jubilee’ li jinsab fi Pjazza Indipendenza, Rabat, Ghawdex:-

1. f’dan l-istess hanut haddem jew gieghel lil min ihaddem ‘Loud Speaker’, amplifikatur, stereo jew apparat tal-muzika, ghamel inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li joqoghdu f’bini qrib;

2. talli fl-istess data u hin fl-istabbiliment tieghu ‘Café Jubilee’ ippermetta d-daqq ta’ muzika minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-pulizija.

Semghet lil Alexander Scicluna jirregistra ammissjoni ghal akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Alfred Camilleri prodotti mill-prosekuzzjoni jghid li hu kkonferma l-fatt li l-imputat llum biddel s-sistema kollha tas-sound proofing fl-istabbiliment tieghu Café Jubilee u li llum il-gurnata m’ghadx hemm problemi.

In vista tal-ammissjoni registrata fl-atti u in vista tax-xhieda moghtija minn Alfred Camilleri u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe 41(2)(a) tal-Kap 10, l-artikolu 2(1) LS 1009 tiddikjara li ssib lil imputat ALEXANDER SCICLUNA hati u tikkundannah ghal canfira w ammonizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------